MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1/2013/1

**Daniela Klein**

**Vs**

1. **Ministeru tal-Finanzi**
2. **Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta ghal kull interess li jista' jkollha**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Daniela Klein** ipprezentat fil-15 ta' April 2013 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponenti giet notifikata b'decizjoni mehuda mit-Transfer Exemption Board fis-27 ta' Marzu 2013 – kopja annessa bhala dok DK 1. Illi din is-sentenza tghid li t-*

*talba ta' l-appellanti biex l-vettura Audi TT – ETT1973 tigi ezentata mir-registrazzjoni ma tistax tigi milqugha a bazi tar-regolament 4(3)(a) ta' l-Avviz legali 6 ta' l-2012;*

2. *Illi ghalhekk l-appellanti qed tintavola dan l-umli appell a tenur tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta u l-aggravju huma s-segwenti;*

   a. *Il-bord naqas milli jimmotiva d-decide tieghu*
   b. *Illi l-provi u d-dokumenti migjuba ampjament jippruvaw il-kaz izda minkejja dan il-Bord xorta rrifjuta t-talba*

3. *Illi riferribbilment ghall-ewwel aggravju, huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li minkejja li din it-talba giet trattata bl-akbar dettal permess ta' diversi dokumenti mill-appellanti, dan il-materjal kollu ma gie rifless fid-dixxerniment u formulazzjoni tal-gudizzju tal-Bord u allura qed jigi sottomess, li d-decizzjoni hija nulla u kienet tippekka minn motivazzjoni sodisfaccjenti sal-grad li tesigi u tirrikjedi mhux biss il-ligi imma wkoll il-principji tal-gustizzja naturali;*
4. *Illi rifferibilment ghat-tieni aggravju, l-artikolu ccitat fid-decizzjoni jistipula vertu rekwisiti li l-umli opinjoni ta' l-appellanti gew kollha trattati u pruvati mill-appellanti bl-ahjar mod li setghet u bil-mod ta' kif giet gwidata li taghmel mill-awtorita koncernata;*
5. *Illi l-fatti fil-qosor huma li l-appallanti kienet mizzewga lil Olaf Klein u appuntu kienet tghix mieghu fil-Germanja. Fil-fatt qed tigi annessa dikkjarazzjoni ta' Chung Ja Bertelmann minn fejn jirrizulta li waqt li kienet tghix il-Germanja hija kienet pazjenta tieghu sa minn Mejju 2005 sa Dicembru 2011 – Dok DK 2;*
6. *Illi pero l-appellanti sseparat minn ma zewgha fil-5 ta' Settembru 2012 u ghalhekk ma baqghetx tghix il-Germanja u giet tghix Malta. Dan jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni tal-25 ta' Jannar 2013 ta' l-appellanti debitament mahlufa quddiem in-Nutar Pisani fejn qed tiddikjara bil-gurament taghha li sa mill-15 ta' Settembru 2012 hija qed tirrisjedi fil-fond Etoile Block C, Flat 4, Triq id-Duluri, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex – Dok DK 3;*
7. *Illi qed tigi annessa wkoll dikjarazzjoni guramentata datata 11 ta' Jannar 2013, kopja annessa u markata bhala dok DK 4, fejn l-istess Olaf klein iddikjara li l-vettura Audi TT numru ta' registrazzjoni E-TT-1973 inxtrat minnu bhala rigal lill-appellanti Daniela Klien fl-4 ta' Ottubru 2007 u liema vettura hija propjeta u kienet tinstaq esklussivament mill-appellanti. L-istess Olaf Klein spjega li l-unika raguni ghaliex kienet fuq ismu kienet minhabba skopijiet ta' assigurazzjoni;*
8. *Illi qed jigi wkoll esebit il-biljett tal-vapur li mieghu giet il-vettura liema biljett igib id-data tal-15 ta' Settembru 2012 – Dok DK 5;*
9. *Illi in vista tas-suespost jidher li r-rekwiziti kollha ta' l-artikolu 4(3)(a) tal-L.A. 6 tal' l-2012 huma sodisfatti u jekk jista jkun hemm dubju dwar ir-registrazzjoni ta' l-istess vettura, dan gie newtralizzat bid-dikjarazzjoni ta' Olaf Klien tal-11 ta' Jannar 2013.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qeghda titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka in toto id-decizjoni tal-Bord tas-27 ta' Marzu 2013 fuq indikata u b' hekk il-vettura Audi TT numru ta' registrazzjoni E-TT-1973 tigi ezentata mill-hlas ta' registrazzjoni peress li l-appellanti hija residenti Malta."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fis-7 ta' Mejju 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari, l-Awtorita esponenti mhiex il-legittimu kontradittur f' din il-kawza u ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ttiehdet unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skond ir-Regolamenti 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196 tal-2009) u in oltre l-Awtorita esponenti m' ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni. Ghaldaqstant l-Awtorita rispondenti ghandha tigi liberate ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*
2. *Illi preliminarjament ukoll l-intimat l-iehor ma giex imharrek kif suppost stante illi fl-ewwel lok ghandu jitharrek d-Direttur Generali li huwa vestit bir-rapprezentazzjoni guridika u mhux il-Ministeru u f' kull kaz in-nomenklatura uzata hija skorretta ghaliex il-ministeru responsabbli mill-finanzi ma jissejjahx appuntu 'ministeru tal-finanzi'. In rigward ta' din l-eccezzjoni jekk ir-rikorrent se titlob li ssir korrezzjoni (kif jehtieg li taghmel biex tintenta ssalva dan l-appell), l-appell taghha jirrizulta li jkun fuori termine.*
3. *Illi in rigward tal-aggravju fis-sens illi d-decizjoni moghtija mit-Transfer Exemption Board hija nulla ghaliex mhijiex sufficjentement motivata, tali aggravju huwa kompletament infordat stante illi tali decizjoni tissodisfa l-vot tal-ligi tant illi l-motivazzjoni moghtija (u hawn ghandu jinghad li f' decizjonijiet bhal dawn moghtija minn bordijiet amministrattivi ossija kwazi – gudikattivi, m' hemm ebda htiega illi d-decizjoni tkun tikkontjeni kull ma tkun tenniet il-parti l-ohra izda li taghti raguni cara bizzejjed fuq xhiex qed tkun imsejsa d-decizjoni) kienet cara u motivata bizzejjed biex ir-rikorrenti setghet targina dan l-appell.*
4. *Illi in rigward tal-aggravju fil-mertu, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti kontra l-Awtorita esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, inter alia, ir-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwizit stabbilit fl-artikolu 4(3)(a) tal-Avviz Legali Numru 6 tas-sena 2012 sabiex tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni u dan stante illi l-vettura in kwistjoni ma kienetx registrata f' isem ir-rikorrenti ghat-terminu perentorju stabbilit fil-ligi izda kienet registrata f' isem terza persuna. Il-fatt li tali terza persuna kien ir-ragel tar-rikorrenti li hija minnu separata u l-fatt li dil-vettura qed jinghad li kienet taghmel uzu minnha fl-esteru ir-rikorrenti huwa kompletament irrilevanti. Dawn il-ligijiet huma ligijiet t' ordni pubblika li skond gurisprudenza kostanti tal-qrati nontrana ghandhom jigu interpretati stettament u meta l-kliem tal-ligi huwa car allura m'hemm lok ghall-ebda interpretazzjoni ohra illi tiddipartixxi mid-dicitura kristallina tal-ligi stess.*
5. *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi konfermata.*
6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra illi l-**Ministeru tal-Finanzi** ma pprezenta l-ebda risposta u giet michuda t-talba tieghu biex jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Ra n-nota ta’ cessjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorita` intimata ipprezentata fil-5 ta’ Lulju 2013;

Sema’ x-xhieda ta’ Daniela Klein,[1] ta’ Michael Portelli,[2] ta’ Joseph Shaw,[3] u ta’ Maria Shaw;[4]

Ra l-affidavit ta’ Olaf Klein;[5]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2014;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipprocediet b’dan ir-rikors peress li hassitha aggravata b’decizjoni tal-Ministeru intimat, liema decizjoni giet esebita bhala Dok DK1 a fol. 4 tal-process u li kienet tghid, *inter alia*, is-segwenti:

[1] A fol. 27 sa 29
[2] A fol. 30 sa 31
[3] A fol. 36 sa 37
[4] A fol. 38 sa 39
[5] A fol. 9 u 10

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4 (3) (a)."*

Illi r-rikorrenti qieghdha tibbaza l-appell taghha fuq zewg aggravji principali u cioe:-

1. Illi t-*Transfer of Residence Exemption Board* naqas milli jimmotiva d-decizjoni tieghu; u

2. Illi l-provi u d-dokumenti sottomessi mir-rikorrenti jippruvaw il-kaz taghha izda minkejja dan, il-Bord xorta rrifjuta t-talba taghha.

Illi dan it-Tribunal se jghaddi biex l-ewwel u qabel kollox jinvesti l-ewwel aggravju tar-rikorrenti.

Illi skond Regolament 4 (7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni Ta' Vetturi bil-Mutur) *"Applikazzjoni taht din ir-regola ghandha tigi processata u deciza mill-Bord u d-decizjoni tal-Bord ghandha tigi ppubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbi ghall-finanzi. Il-Bord ghandu wkoll jibghat kopja ta' dik id-decizjoni bil-posta registrata lill-applikant fl-indirizz specifikat fl-applikazzjoni, u, fejn provdut, ukoll b'mezzii elettronici."*

Illi ghalhekk dan ir-Regolament bl-ebda mod ma jindika x'ghandu jkun fiha d-decizjoni tal-Bord. Fid-decizjoni odjerna il-Bord ibbaza r-rifjut tieghu fuq Regolament 4 (3) (a) li jghid is-segwenti :

*"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha registrata f'isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta*

*l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta;"*

Illi ghalhekk dan ir-Regolament fih zewg rekwiziti li trid tissodisfa persuna li tkun qed tapplika ghall-ezenzjoni u cioe:-

**1. li l-vettura tkun ilha registrata f'isimha ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza taghha ghal Malta, u,**

**2. tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta.**

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak rilevat minn H.W.R. Wade u C.F. Forsyth fil-ktieb "Administrative Law" (10th Edition) fejn jinghad illi "*the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. ... Given that statute now frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration ... Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that*

*they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced* [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)].”[6]

Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li japplika wkoll ghas-sistema amministrattiva lokali. Ghalhekk ikun ferm siewi li d-decizjoni tal-Bord titfa’ dawl fuq is-sustanza tar-rifjut u mhux semplicement taghmel referenza ghal Regolament, liema Regolament f’dan il-kaz kellu zewg ragunijiet li setghu wasslu lill-Bord jasal ghad-decizjoni tieghu. Ghalhekk, kif gia inghad, huwa awspikabbli li r-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi indikata b’mod li ma jhalli l-ebda dubju f’mohh dak li jkun irid jappella mill-istess decizjoni.

Illi issa fil-kaz in kwistjoni, kif gia inghad, dan it-Tribunal jista’ jinnota mill-inqas zewg ragunijiet li jaghtu lok ghar-rifjut tal-ezenzjoni fir-Regolament 4 (3) (a) citat fid-decizjoni appellata. Dawn iz-zewg ragunijiet jistghu ikunu kemm kumulattivi u cioe l-applikant ma jkun issodisfa l-ebda kriterju jew inkella jista’ jkun li l-applikant ma jkunx issodisfa xi wiehed biss mill-kriterji rikjesti. Ghalhekk dan it-Tribunal jerga’ jenfasizza li jkun xieraq li l-Bord ikun aktar specifiku meta jigi biex jirrifjuta applikazzjoni u ma jaghmilx biss referenza generika ghall-artikolu tal-ligi bhala l-bazi tar-rifjut tieghu.

B’danakollu dan it-Tribunal ma jhossx li d-decizjoni odjerna ghandha tigi revokata abbazi tal-ewwel aggravju peress li jidher li r-rikorrenti fehmet sew il-bazi tar-rifjut tal-applikazzjoni, pero huwa xieraq li decizjoni ta’ rifjut mahruga mill-Bord tkun iktar specifika u informattiva milli jigi indikat biss taht liema Regolament giet rifjutata l-applikazzjoni.

Illi maghmula din l-osservazzjoni, it-Tribunal se jghaddi biex jitratta l-mertu proprju tal-proceduri odjerni u cioe jekk il-Bord kienx korrett jew le meta irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni minhabba l-fatt li l-vettura in kwistjoni ma kinitx registrata fuq ir-rikorrenti.

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti u tal-familjari taghha jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni kienet inxrat gewwa l-Germanja mir-ragel tar-rikorrent, Olaf Klein. Din il-vettura kienet inxtrat bhala rigal ta’ gheluq snin ir-rikorrenti u kienet

[6] Chap.14 The Right to a Fair Hearing – pg. 436, 439 u 440.

tuzaha hi biss. Gara izda li r-rikorrenti u r-ragel taghha isseparaw u hi rritornat hawn Malta bil-vettura in kwistjoni. Olaf Klein, permezz ta' affidavit, iddikjara wkoll illi l-vettura kienet registrata fil-Germanja fuq ismu minhabba ragunijiet ta' assigurazzjoni. Il-genituri tar-rikorrenti xehdu illi kull darba li telghu il-Germanja huma dejjem raw lir-rikorrenti ssuq il-vettura in kwistjoni.

Illi l-Ministeru intimat ma kellux l-opportunita` jikkontesta t-talba rikorrenti peress li hu kontumaci. Illi, pero, kif gie deċiż mill-Qrati taghna għadd ta' drabi, il-kontumacja m'għandhiex titqies bħala ammissjoni da parti tal-intimat għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jigi allegat kontrih mir-rikorrenti: għall-kuntrarju, il-kontumacja titqies bħala kontestazzjoni.[7] Din il-kontestazzjoni harget cara fit-trattazzjoni orali li l-Ministeru intimat ghamel permezz tad-difensur tieghu.

Illi fit-trattazzjoni orali id-difensur tar-rikorrenti sahaq illi l-Bord kien skorrett meta ma laqghax l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni u dan ghaliex ir-rikorrenti kienet fil-pussess tal-vettura *de quo* meta hija kienet residenti l-Germanja. U dan nonostante li l-vettura qatt ma kienet registrata fuq isimha.

Min-naha l-ohra d-difensur tal-Ministeru intimat sahqet illi l-ligi titkellem car u tirrikjedi li l-vettura li dwarha tkun qed tintalab l-ezenzjoni trid tkun registrata ghall-perjodu msemmi fil-ligi f'isem il-persuna li tkun qed titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta. Hija sostniet li kieku kien mod iehor kien ikun hemm lok ta' abbuz.

Illi t-Tribunal haseb fit-tul fuq din il-kwistjoni. Illi huwa konvint li l-fatti huma ezattament kif deskritti mir-rikorrenti u l-familjari taghha. It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li r-rikorrenti kellha l-uzu, x'aktarx esklussiv, tal-vettura in kwistjoni. Pero dan it-Tribunal, bhall-Bord, irid isegwi dak li tiddetta l-ligi. Huwa veru li l-Bord meta gie biex jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma kienx fil-posizzjoni li sema' l-verzjoni tal-istess rikorrenti; u ghalhekk it-Tribunal, bhala apprezzament tal-fatti, huwa f'posizzjoni kemmxejn ahjar milli kien il-Bord. Madankollu, dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Bord. Il-legislatur ried li l-vettura migjuba Malta tkun **<u>registrata</u>** f'isem l-persuna li tkun hadet ir-residenza taghha f'Malta. Huwa ferm ovvju li

[7] Ara App. Civ. : 6.11.1959 fil-kawża fl-ismijiet Gerada vs Attard (Kollez. Vol: XLIII.i.545)

l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrenti – fattur dan li jirrendi lir-rikorrenti f'posizzjoni li ma tikkwalifikax biex tapplika ghall-ezenzjoni. Li kieku dan it-Tribunal kellu jaghti interpretazzjoni ohra lill-provvediment tal-ligi relattiv ikun qieghed jikkontorta dak li l-legislatur kellu f'mohhu, apparti li jkun qieghed jiftah bieb ghall-abbuz. Ghalhekk, filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti ghaliex jifhem li forsi hija vittma tac-cirkostanzi kif zvolgew bejnha u bejn zewgha fil-hajja matrimonjali taghhom, ma jistghax jinterpreta d-dettami tal-ligi ghajr kif logikament iridu u ghandhom jigu interpretati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-vettura in kwisjtoni ma kinitx ilha registrata fuq isimha ghal tal-inqas erba' u ghoxrin xahar qabel hadet ir-residenza taghha hawn Malta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------